MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru 175/2004

**App Nru 175/04 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri talli fil-25 ta’ Gunju 2001 u qabel din id-data, hu naqas li jhallas lill-ex-impjegati tieghu Felix Cefai u Jamie Muscat kumpens flok avviz, allowance ta’ gimgha u kumpens flok vakanzi u festi pubblici (kif spjegat fil-prospett anness mac-citazzjoni); l-ewwel qorti kienet mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Felix Cefai u lil Jamie Muscat l-ammont ta’ Lm863.78 u Lm497 rispettivament;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Lulju, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Camilleri hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ ghoxrin lira (Lm20) u ordnatlu jhallas lil Felix Cefai u Jamie Muscat is-somma ta’ Lm863.78 u Lm497.00 rispettivament fi zmien xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmel (Carmelo) Camilleri minnu prezentat fil-11 ta’ Awissu, 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru, 2004; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li Cefai u Muscat kienu impjegati mhux mieghu – cioe` ma’ l-appellant – izda ma’ kumpanija, C & M Construction Limited. L-appellant jikkontendi li galadarba l-akkuza harget kontrih personalment u ma ingabitx prova ta’ xi konnessjoni li huwa kellu ma’ jew fil-kumpanija in kwistjoni, allura hu qatt ma seta’ jinstab hati skond l-imputazzjoni kif dedotta. Dan l-aggravju hu fic-cirkostanzi mhux biss wiehed infondat izda altament fieragh. L-appellant jaf ezattament x’kien ir-rwol tieghu fil-kumpanija in kwistjoni – kif xehed <u>huwa stess</u> fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru, 2004 (ghalkemm mhux minghajr hafna titubanzi ataparsi ma setax jiftakar); huwa kien direttur fl-imsemmija kumpanija u wiehed mill-ufficjali principali taghha peress li kien hu normalment responsabbli mill-pagi u mix-xoghol. Ghalhekk f’dan il-kaz tapplika r-responsabbilta` vikarja li tohrog mill-Artikolu 42 tal-Kap. 135. Ma kien hemm ebda htiega, kif din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazjoni li tfisser, li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew *manager* ecc. tal-kumpanija – ir-responsabbilta` vikarja f’dan il-kaz iggib maghha r-responsabbilta` <u>personali</u> ta’ dak li jkun proprju ghan-nuqqasijiet tas-socjeta` jew kumpnanija, u ghalhekk ic-citazzjoni tohrog korretement u validament meta ssejjah lid-direttur, *manager* ecc. minghajr referenza ghall-

kumpanija, u meta l-imputazzjoni tghid li huwa l-imharrek li ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu fis-sens li galadarba Cefai u Muscat kienu "twaqqfu" milli jkomplu jahdmu mal-kumpanija peress li l-kumpanija kienet spiccat bla xoghol, allura kien applikabbli is-subartikolu (14) tal-Artikolu 34 tal-imsemmi Kap. 135. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

***Hemm x'hemm fid-disposizzjonijiet ta' hawn qabel f'dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghjr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed [1] biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz…***

Is-subartikolu jkompli billi jfisser x'ma jistax jingieb bhala "raguni tajba u bizzejjed" mill-principal. L-appellant jikkontendi li galadarba l-ligi ma tghidx li n-nuqqas ta' xoghol (f'dan il-kaz xoghol ghall-kumpanija) ma jistax jingieb bhala "raguni tajba u bizzejjed", tali nuqqas ta' xoghol ghandu effettivament jitqies bhala "a good and sufficient cause". Din il-Qorti ma taqbilx. Dak li l-appellant qieghed konvenjetement jinjora hu li r-*redundancy* – cioe` meta wiehed jispicca peress li jkun "zejjed" proprju ghax ma jkunx hemm xoghol – hija espressament regolata b'disposizzjonijiet ohra ta' l-Artikolu 34, u senjatament bis-subartikoli (3) u (4). Is-subartikolu (3) jaghmilha proprju cara li r-raguni ta' *redundancy* hija bazi kompletament differenti ghat-tkeccija minhabba raguni "tajba u bizzejjed" fis-subartikolu (14). Infatti s-subartikolu (3) jipprovdi testwalment hekk fil-parti relevanti tieghu:

***Kuntratt ta' servizz ghal zmien mhux determinat jista' jintemm, bl-ghoti ta' l-avviz kif specifikat fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, mill-impjegat minghajr ma jaghti ebda raguni u mill-principal, salv id-disposizzjoni tas-subartikolu (14) ta' dan l-artikolu,***

[1] "Good and sufficient cause", fit-test ingliz tal-ligi.

***fuq bazi ta'* redundancy *biss…*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk ma jistax legalment jinghad, kif qed jipprova jghid l-appellant, li galadarba l-kumpanija spiccat bla xoghol, allura kien hemm "raguni tajba u bizzejjed" fis-sens tas-subartkolu (14). Il-kaz in dizamina kien wiehed ta' *redundancy*, u biex ikun applikabbli s-subartikolu (14) kellu jigi pruvat li kien hemm xi haga "aktar" jew "differenti" minn semplici *redundancy*, prova li baqghet ma saritx. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi wkoll fir-rigward ta' *"…l-akkuza tal-hlas tal-*allowance *tal-gimgha, hlas ghal xoghol li sar fil-vaganzi u btajjel pubblici, u vaganzi li l-haddiema jikkontendu li ma hadux skond il-ligi…"*. Skond l-appellant, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx f'dan ir-rigward il-kaz taghha skond il-ligi, filwaqt li huwa gab provi bizzejjed biex iqanqal dubbju dettat mir-raguni fis-sens li dawn il-hlasijiet huwa kien effettivament ghamilhom. Din il-Qorti, wara li gharblet il-provi kollha, inkluza d-deposizzjonijiet moghtija fl-udjenza tal-10 ta' Settembru, 2004, hi tal-fehma li ma ngabet ebda raguni impellenti li ghandha twassalha biex tddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar l-*allowance* u hlas ghall-btajjel u festi pubblici.

Ghall-motivi premess, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) Vincent DeGaetano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------